# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM it-Tlieta, 4 ta' Lulju, 2017

**Kawża Nru 36**

**Rik. Nru. 318/2012 JRM**

Tigran **ARUTYUNYAN**

vs

**PROPERTY CONSULTANTS ATW LIMITED (C – 40774)**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment mogħti għall-finijiet tal-artikolu 231 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara talba magħmula mill-kumpannija mħarrka b'rikors tagħha tat-28 ta' Marzu, 2017[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, hija talbet li l-Qorti tħalliha tressaq appell mis-sentenza preliminari mogħtija fit-22 ta' Marzu, 2017, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha li l-azzjoni attriċi hija milquta minn nullita';

[1] Paġ. 117 tal-proċess

Illi bi tweġiba mressqa fl-20 ta' Ġunju, 2017[2], l-attur laqa' għall-imsemmija talba billi qal li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex din il-Qorti jmissha tħalli lill-kumpannija mħarrka tressaq appell f'dan l-istadju ladarba s-sentenza fissret ċar dak li kienet qiegħda tiddeċiedi l-Qorti. Żied jgħid li l-ħsieb tal-kumpannija huwa dak li, b'riħet l-appell li trid tressaq, tipprova tirbaħ iż-żmien, għaliex ma hemm l-ebda raġuni tajba biex tattakka s-sentenza msemmija;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-liġi tipprovdi[3] li huwa meħtieġ permess minn Qorti biex jista' jitressaq appell minn sentenza preliminari jew *in parte* fil-mertu li tkun qatgħet kwestjoni separata minn għadd ta' kwestjonijiet f'kawża, qabel ma l-kawża tkun inqatgħet dwar il-mertu kollu;

Illi l-ħsieb tal-liġi huwa dak li jżomm lil xi parti f'kawża milli ttawwal bla raġuni tajba l-mixi 'l quddiem ta' kawża billi tressaq appell qabel ma l-każ ikun inqata' b'sentenza finali[4]. Huwa għalhekk ukoll li l-liġi trid li parti li tħossha aggravata b'xi sentenza preliminari bħalma jingħad hawn fuq trid tagħmel, fiż-żmien qasir mogħti mil-liġi[5], talba apposta biex tingħata l-jedd li tappella u li, jekk tonqos li tagħmel dan, l-appell tagħha ma jkunx jiswa[6];

Illi bis-saħħa tas-sentenza li minnha l-kumpannija mħarrka tixtieq tappella, din il-Qorti kienet sabet li l-ewwel eċċezzjoni preliminari li titkellem dwar in-nullita' tal-azzjoni attriċi minħabba li l-ewwel żewġ talbiet jitolbu l-istess ħaġa u għaliex ma kien hemm l-ebda talba li biha l-Qorti tiddikjara l-kawżali li fuqhom it-talba għall-ħlas magħmula mill-attur tista' tintlaqa';

Illi fil-każ tal-lum, il-kumpannija mħarrka tiġġustifika t-talba tagħha biex titħalla tressaq appell mis-sentenza preliminari fuq ir-raġuni li wieħed mill-aggravji tgħha ser ikun li fir-rikors promotur "ma humiex identifikabbli dawk l-allegazzjonijiet (mir-ruxxmata li saru) li l-Qorti tista' eventwalment tapprova (u tiskarta l-bqija) u għalhekk tillikwida";

Illi l-Qorti ssib li din ma hijiex raġuni tajba biex jitħalla jitressaq appell mis-sentenza preliminari tagħha. Kulma kellha tqis il-Qorti f'dik is-sentenza kien jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi tonqosx mis-siwi

[2] Paġġ. 315 – 6 tal-proċess
[3] *Proviso* tal-art. 231(1) tal-Kap 12
[4] App. Ċiv. **9.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***George Vella noe et vs Rev. Charles Ċini***
[5] App. Ċiv. **23.2.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Pirotta et vs Joseph Żammit et***
[6] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Cutajar vs J Lautier Co Ltd.***

tagħha mill-mod kif inhi mressqa. Ma kellha l-ebda ħsieb u lanqas għan li tgħid li l-bosta kawżali msemmija mill-attur jew liema minnhom kienu tajbin jew saħansitra ippruvati. F'dak l-istadju bikri tal-kawża li fih din il-Qorti eżaminat is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-qorti tqis is-siwi (fis-sens ta' fondatezza) tal-bosta kawżali, imma biss li tara jekk mill-mod kif tressaq ir-Rikors promotur tħarsux ir-regoli tal-liġi proċedurali dwar is-siwi tal-att innifsu u mhux tas-siwi sostantiv tal-pretensjonijiet. Din il-Qorti riedet tara wkoll li, fid-dawl tal-eċċezzjoni mqajma minnha, il-kumpannija mħarrka ma kenitx qiegħda jew sejra ġġarrab xi preġudizzju biex tiddefendi l-każ tagħha kontra l-imsemmija pretensjonijiet;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-piż li jiċċara u jipprova kif imiss il-pretensjonijiet magħmula minnu fil-kawżali tar-Rikors Maħluf li jippreċedu t-talbiet tiegħu, jaqgħu fuq l-attur innifsu u l-kumpannija mħarrka jkollha l-opportunita' kollha li tirribattihom bil-provi jew bis-sottomissjonijiet tagħha fil-waqt xieraq tas-smigħ tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija mħarrka billi:

**Tiċħad it-talba** tagħha biex tħalliha tappella mis-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' Marzu, 2017, billi r-raġunijiet mogħtija ma humiex tajbin fil-liġi, u dan bla ħsara għall-jedd tagħha li tista' tappella dwar dan il-kap fil-waqt xieraq tal-kawża wara s-sentenza aħħarija, jekk ikun il-każ.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**4 ta' Lulju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**4 ta' Lulju, 2017**